A.L. 133 ta' l-1981

ATT TA' L-1980 LI JIRREGOLA L-ĠARR TA' MERKANZIJA BIL-BAĦAR

(ATT NRU. II TA' L-1980)

Ordni ta' l-1981 li jemenda l-Ordni li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1980 li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1981 li jemenda l-Ordni li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1980 li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 79 ta' l-1980

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "BORCHARD LINES LTD" u "NORTH AFRICA LINE LTD" taħt l-intestatura "Ingilterra" għandhom jitħassru; u

(b) minflok il-kelma "GILVANI" taħt l-intestatura "Italja" għandha tidħol il-kelma "GILNAVI".